MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru. 213/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Versus**

**Dyrk German**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Dyrk German ta’ 18-il sena bin Adrian u Nadia nee Ricci, imwieled Victoria (Għawdex) nhar it-8 ta’ Jannar 1985 residenti fil-fond numru Midas Qormi Road Birkirkara detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 3785 (G)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar it-8 t’April 2003 u l-erba’ xhur ta’ qabel, ġo Birkirkara u fi bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet *f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu* (Nota: Il-kliem 'liema droga nstabet f'tali ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu' kienu rtirati mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2004. Ara fol.10).

(b) ukoll talli biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-rża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

(ċ) ukoll talli f'Marzu w is-sena ta' qabel biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda parti A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(d) ukoll jekk fl-istess żmien, data, u ċirkostanzi kellu fil-pussess tieħgu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussessgwentement emendat u l-artikoli 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

Aggravju

(e) ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post. Fi jew ġewwa ċentru, u f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' psot fejn jiltaqagħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom.

Il-Qorti ntalbet ukoll biex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2003, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat magħmula fid-9 t'April 2003 (fol 6), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 35 tal-1985 u s-social and inquiry report mħejji mill-Probation Officer (fol.17)

Rat ukoll in-Nota tal-Osservazzjonijiet mħejjija mid-difiża.

Ikkonsidrat

Li l-Prosekuzzjoni pproduċiet l-istqarrija tal-imputat bħala l-evidenza ewlenija kif ukoll ippreżentat lista ta' affarijiet li nstabu għand l-imputat (ara fol.10). Id-difiża qablet li l-oġġetti kienu elevati minn għand l-imputat u aċċettat li effettivament is-sustanza kienet raża tal-cannabis. Id-difiża ddikjarat ukoll li l-istqarrija ttieħdet min għand l-imputat b'mod volontarju. (Ara verbal a fol.10 u 11).

Fit-trattazzjonji u fin-nota ppreżentata mid-difiża l-punt ewlieni tad-diskussjoni kien jekk id-dati msemmijin fl-imputazzjonijiet kinux jikkoinċidu ma' dawk indikati mill-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Fl-imputazzjonijiet jissemmew żewġ dati:

(i) It-8 t'April 2003 u l-erba' xhur ta' qabel;

(ii) Marzu u s-sena ta' qabel (ara l-imputazzjoni mmarkata (ċ))

Fit-tieni waħda, ħdejn il-kelma 'Marzu' m'ehmm ebda sena msemmija u għalhekk ser tiġi skartata mill-Qorti għax m'għandhiex annu minn fejn tibda tagħmel il-kalkoli.

Jibqa' għalhekk l-ewwel imputazzjoni li peress li qegħda fuq nett donnha ntiża biex tgħodd għal kollox għalkemm jibqa' dak li jidher fl-imputazzjoni (ċ).

Nhar id-9 t'April, 2003, l-imputat ammetta li juża d-droga ħaxixa u li kien ilu jużaha sena. Għalhekk din l-ammissjoni tkopri d-data 9 t'April, 2003 sad-9 t'April 2002. **Din taqa' fil-parametri indikati.**

L-istess jgħodd għaż-żerriegħa tal-qanneb għax dik kien xtraha madwar xahar qabel.

Imbagħad qal li resin kien biegħ aktar minn darba. Huwa ta dettalji ta' liema tip ta' biċċiet ta' resin kien ibiegħ. Huwa kien biegħ ir-resin huwa wieġeb :

***'Ngħid li mhux dan ix-xahar u lanqas ix-xahar ta' qabel. Jista' jkun li f'Jannar ta' din is-sena.'***

Huwa ammetta wkoll li kien juża l-ecstasy kien meta xtara żewġ ecstasy **'it-tnejn tal-ġimgħa l-oħra.' Din taqa' fil-parametri taż-żmien indikat.**

Huwa kien jixtri l-ecstasy għal sħabu u dejjem kien iżommilhom 'l-istess prezz.' (li bih ried jgħid li ma kienx jagħmel qligħ). **Jidher li dan kien jagħmlu meta kien għadu jmur l-iskola iżda mill-istqarrija meta kien dan il-perjodu ma joħroġx b'mod ċar.**

Huwa indika wkoll fejn kien imur ibiegħ ir-resin.

F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni qed isejjes iż-żewġ imputazzjonijiet tagħha – jiġifieri dawk immarkati (b) u (ċ) bl-aggravju (immarkat (e)) – fuq l-istqarrija tal-imputat. Issa kien diġa' deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (ara 'Il-Pulizija versus Michael Cini') li l-Prosekuzzjoni trid tindika d-data ta' meta jkun sar l-allegat reat b'mod li, meta wieħed jistħarreġ xi jkun ġara, wieħed ikun jista' jikkonkludi meta filfatt seħħ.

Jidher mill-istqarrija li l-Prosekuzzjoni kienet riedet tindaga aktar fil-wisgħa billi tistħarreġ jekk l-imputax kienx qed jieħu jew iforni drogi oħrajn. Sa hawn il-Prosekuzzjoni qed tagħmel dmirha. Iżda meta l-mistoqsijiet ikunu qed jinfirxu, aktarx li ċerta dettalji li jkunu jridu xi ftit irfinar jaħarbu.

Il-Qorti fittxet xi indikazzjoni aktar soda milli 'Jista' jkun li f'Jannar' jew 'Ġieli xtrajt u tajt'. 'Jista' jkun' mhix indikazzjoni ċerta li f'Jannar l-imputat kien biegħ u fuq qabel m'hemm xejn għax il-mistoqsija kienet dwar meta kien l-aħħar li l-imputat biegħ bla referenza għal x'ġara qabel. S'intendi għall-Prosekuzzjoni kien ikun biżżejjed kieku l-imputat qal'F'Jannar' bla ebda kwalifika oħra. Iżda b'din il-kwalifika li l-imputat kien qed jagħmel fi sforz biex jiftakar eżatt.

Minħabba din l-inċertezza fid-dati, il-Qorti qed timxi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali u qegħda tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni kif ukoll mill-aggravju li huwa indikat bħala l-imputazzjoni (e).

Min-naħa l-oħra l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis (imputazzjoni (a)) u l-pussess ta' tal-ecstasy (imputazzjoni (d)) huma ppruvati u l-pussess seħħ fiż-żmien indikat. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B) tal-Kap 31 kif ukoll il-provisos dwar id-distanza li jidhru kemm taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u taħt l-artikolu 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni (kif emendati mill-Prosekuzzjoni) kif ukoll tar-raba' imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni kif ukoll mill-aggravju li jidher taħt l-imputazzjoni (e).

Il-Qorti, wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat, u wara li qieset li dawn il-pussessi ta' droga seħħew meta l-imputat kien diġa' għalaq tmintax-il sena, flok qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem ċar.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-esibiti tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

Il-Qorti mhix tordna xi ħlas taħt l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex ma kien maħtur ebda
espert matul il-proċess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------